# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum l-4 ta' Frar 2020**

Appell numru 469 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Franco ZAMMIT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Novembru, 2017 fil-konfront ta' Franco Żammit, karta tal-identità bin-numru 203057 M ġie mixli:

   Talli nhar it-13 ta' Lulju u nhar it-8 ta' Lulju tas-sena 2017, f'diversi ħinijiet waqt li kien ġewwa l-fond Lands End, Flat 3, Triq San Pawl il-Baħar:

   1. Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-ligi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, giegħel bl-awtorita` tiegħu nnifsu lil Mary Schembri tħallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lill-istess Mary Schembri fil-pussess ta' ħwejjigħa, jew ħatt bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-ligi ndaħal fi ħwejjigħa (Kap 9 seċ 85);

2. U aktar talli bi ħsara tas-sid jew tad-detentur ċioe` ta' Mary Sċhembri għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta' tal-istess imsemmija persuna (Kap 9 seċ 340 (d))

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti, stqarret is-segwenti:

Semgħet il-provi;

Rat id-dokumenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża;

**Ikkunsidrat :**

Illi l-imputat jinsab akkużat quddiem din il-Qorti b'żewġ reati, u ċioe` dak *ragion fattasi* u bi vjolazzjoni ta' proprjeta' ta' terzi.

Illi l-kwerelanti Mary Schembri xehdet illi hija għandha villeggjatura f'San Pawl il-Bahar fi blokka ta' appartamenti bl-isem Landsend, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar u li fit-3 ta' Lulju 2017 indunat li l-imputat, li wkoll għandu appartament sovrastanti, kien waħħal il-*units* ta' żewġ airċonditioners mingħajr il-permess tagħha fuq l-arja tal-bitħa tagħha filwaqt li fit-8 ta' Lulju 2017 kien waħħal xkaffa b'żewġ ċilindri tal-gas fuqha fl-istess arja. Biex għamel dawn ix-xogħolijiet hija stqarret li bilfors ried inizzel sellum fil-proprjeta` tagħha u meta staqsietu għala ma kienx ħa permess, weġibha li m'għandux bonn permess. Meta staqsietu għaliex il-*units* tal-*airċonditioners* ma waħħalhomx fuq il-bejt bħal tal-proprjetarji l-oħra, l-imputat weġibha li la kien hemm permessi biex jinbnew penthouses ġodda huwa ma riedx iwaħħalhom fuq il-bejt biex imbagħad ikollu jerga' jaqlagħhom. Jirriżulta li dawn ir-raġunijiet tahom ukoll lill-Pulizija meta ġie mitkellem. Meta ġie mitkellem huwa stqarr ukoll li ma kienx niżel fil-proprjeta` tal-kwerelanti peress li kien uża *scaffolding*.

Illi l-elementi tar-reat in diamina ġew maġisterjalment miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija mill-Imħallef W. Harding fis-sentenza fil-kawza **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et.** (App. Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) u dawn jinkludu:-
a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna.
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
ċ) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi. Illi, kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor per eżempju.

Illi mill-provi miġbura jirriżulta illi l-elementi kollha tar-reat ta' ragion fattasi jissussitu stante li l-kwerelanti ġiet parzjalment ipprivata mit-tgawdija tal-arja tagħha bl-installazzjoni tal-*units* tal-*air conditioners* u tal-ixkaffa biċ-ċilindri tal-gas.

Illi jissussisti wkoll ir-reat kontravvenzjonali ai termini tal-artikolu 340 (d) tal-Kodiċi Kriminali stante li l-imputat bl-ebda mod ma ressaq xi prova li kkontradixxiet sal-grad tal-probabbli li biex seta' jaħdem huwa kellu neċessarjament inizzel sellum fil-proprjeta` tal-kwerelanti.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat l-artikolu 85 u 340 (d) tal-Kodiċi Kriminali tiddikjara lill-imputat Franco Zammit hati tal-imputazzjonjiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-hlas ta' multa ta' mitt ewro (€100).

Il-Qorti qiegħda wkoll tordna lil Franco Zammit sabiex, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali, fi zmien xahar (1) mil-lum jaqla' l-ħadid li fuqu qed iserrħu ċ-ċilindri tal-gas, jaqla' l-*units* tal-*air conditioners* minn fejn huma pożizzjonati u jimla t-toqob kollha magħmula ġol-ħajt tal-bitħa ta' Mary Schembri u dan skont l-arti u s-sengħa. Fin-nuqqas li l-imputat jagħmel dak lilu ordnat f'din is-sentenza fit-terminu mogħti jibdew jiddekkoru kontra tiegħu penali ta' għaxar ewro (€10) kuljum għal kull gurnata ta' ritard sakemm l-imputat ilesti dak kollu lilu ordnat permezz tas-sentenza odjerna.

3. Illi minn din is-sentenza Franco Żammit interpona appell permezz ta' rikors datat 16 ta' Novembru, 2017 li permezz tiegħu talba lil din il-Qorti jogħġobha:

Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

Dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Dan wara li saħqet is-segwenti: -

1. Illi fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, il parte civile ġiet mistoqsija direttament jekk li bl-allegata azzjoni da parti tal-appellanti hija ħassitiex b'xi mod spoljata mill-propjeta' tagħha, jew jekk l-azzjoni tal-istess appellanti kienet b'xi mod fixklitha fil-pussess ta' ħwejjiġha.
2. Illi għal din id-domanda direttissima da parti tad-difiża, il-parte civile mingħajr tlaqliq wieġbet fin-negattiv. Sussegwentement, id-difża staqsiet jekk hija kienetx rat lill-appellanti fil-bitħa tagħha, fejn għal darba oħra, il-parte civile reġgħet wieġbet fin-negattiv u żiedet tgħid li kien wieħed mill-ħaddiema li niżlu fil-bitħa tgagħha u li l-appellanti fl-ebda ħin ma niżel fil-bitħa tagħha.
3. Illi in konsegwenza ta' dawn l-istqarrijiet da parti tal-parte civile, l-appellant umilment jagħmel referenza għall-kawża f'ismijiet il-Pulizija vs. Joseph Axisa fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell seħqet is-segwenti '*Biex jikkonfigura ruħu r-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru dawn l-elementi:*

*"(1) att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppposizzjoni, edpressa jew presunta ta' dan il-ħaddieħor; (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eerċizju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta'l-awtorita' pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per l Regno d'Italia Interpretato eċċ., Torino 1895, Vol. VI, paġna 749, 'la persuasione di fare da se' cio' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi senteni, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru 1957, Vol. XLL.iv. 1506; Il-Pulizija v.Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Fazon , G., Annotazioni able Leġġi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput – u dan, del resto, joħroġ mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' ragion fattasi jew għal reat ieħor (ħsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-aġent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifika bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika".*

4. Illi barra minn hekk, fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Robert Vella) vs. Rennie Azzopardi, l-Onorabbli Qorti seħqet illi '*Biex ikun hemm ir-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru l-elementi kolha tiegħu'.*
5. Illi l-appellanti umilment jissottometti li kif indikat fil-kawża suċċitata u kkonfermat minn ġurisprudenza lineari, wieħed mill-elementi tar-reat ta' ragion fattasi huwa fil-fatt –att estern li jispolja. Madanakolu, in kontro eżami, il-parte civile ikkonfermat bis-sħiħ li fl-ebda ħin ma kien hemm dan l-ispoll, li hija fl-ebda ħin ma ġiet imċaħħda b'xi mod jew ieħor mill-pussess ta' ħwejjiiġha. Għalhekk hija l-umli fehma tal-appellanti li l-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu ma setgħet qatt tirriżulta.
6. Illi l-umli sottomissjoni avvanzata mill-appellanti hija ikkonfermata bis-sħiħ bit-tagħlim espress mill-Onrabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawa fl-ismijiet Il-Pulizja vs. Eileen Said, li seħqet illi:

*'L-element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu id-dgawdija tagħha.*
*Ir-reat ma jissississtix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenbzjoni ta' pussess li dak li jkun gia ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att poittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol. 5 para. 2850:-*
*"L-atto esterno deve privare altro contro sua coglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' guidiziale."*

7. Illi għar-raġunijiet suesposti, l-appellant umilment jissottometti li l-elementi rikjesti sabiex jirriżulta ir-reat ta' ragion Fattasi ma ġewx provati u għalhekk għandu jiġi liberat minn dan l-akkuża.
8. Illi sussegwentement, l-appellant jagħmel referenza għat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, ossia dika taħt l-Artikolu 3409d0 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Mario Bonello) vs. Carmelo Galea, l-Onorabbli Qorti indikat ili *'Il-kontravvenzjoni hemm indikata u cioe' dik kontemplata fl-artikolu 340 (d) ma toprix eventwalita' bħal din fejn konjugi propjetarju jimpedixxi l-aċċess tal-konjugi l-ieħor fid-dar tażżwieġ iżda fattispeċji oħra li normalment ikunu jikkonsistu filli wieħed jidħol fil-propjeta' ta' ħaddieħor bla permess u b'hekk jinvadi l-privatezza ta' dak li jkun'.*
9. Illi l-appellant umilment jgħid li bħalma ġia indikat, in kontro eżami l-parte civile seħqet mingħajr tlaqliq li l-appellanti fl-ebda ħin ma daħal fil-propjeta' tagħha, se mai kien xi ħaddiem li kien qiegħed jinstalla l-air conditioners. Konsegwentement, l-azzjoni materjali rikjesta sabiex tinstab ħtija taħt din id-disposizzjoni tal-liġi, ma ġietx kommesa mill-appellant, u konsegwentement l-appellant ma setgħax jinstab ħati tagħha.
10.Illi b'konsegwenza ta' dan kollu, l-appellant umilment jissottometti li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi, hu għalhekk jistħoq li bil-provi li kellha quddiemha l-ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex tinstab ħtija.
11.Illi barra minn hekk, l-appellant jagħmel referenza għall-piena inflitta, ossia għall-applikazzjoni, tal-Artikolu 377 (3) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta. L-appellant umilment jindika li l-aircnditioners in kwistjoni huma nstalati mal-ħajt tal-propjeta' tiegħu, fl-ebda ħin ma ġie pprovat li dawn kienu qed joħolqu xi forma ta' ingombru, inqas u inqas li dawn l-air conditioners kienu huma li ħolqu d-disordni jew l-inkonvenjent li biha allegatament sar ir-reat. Għalhekk umilment jissottometti li l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istazna ma kelliex tapplika din id-dispożijoni tal-liġi.

## *Ikkunsidrat : -*

4. Illi nhar it-8 ta' Lulju 2017 il-kwerelanta rrikorriet l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkikara fejn irrapurtat illi l-appellant, li kien ġar tagħha fid-dar ta' vileġġjatura tagħha fl-indirizz 'Landsend, Flat 3, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, u li kellu l-fond tiegħu sovrappost għal tagħha fl-istess kumpless t'appartamenti, kien waħħal żewġ *units* tal-arja kundizzjonata u xkaffa fejn fuqha rama' żewġ ċilindri tal-gass fl-arja tal-bitħa li kellha aċċess għaliha hi mill-appartament tagħha. L-appellanta saħqet li dan sar mingħajr l-għarfien u l-kunsens tagħha. Biex għamel dan l-appellant kellu jniżżel sellum mit-tieqa tiegħu għal ġox-xaft tagħha mingħajr ma tagħtu l-permess. Meta kelmet lill-appellant dwar dan ix-xogħol hu kien saħaq illi ma kienx jinħtieġ il-permess tagħha biex jinstalla dawn is-servizzi.

5. Il-Pulizija kelmet lill-appellant fejn ġie rapurtat li qal illi hu kien fil-proċess li jsir sid il-fond sovrapost għal dik tal-kwerelanta. Qal li madwar sena qabel kien kellem lill-parte ċivile fejn talabha l-permess sabiex jibda jgħaddi l-*plumbing* mix-xaft in kwistjoni. Hu żied ukoll illi x-xaft huwa propjeta komuni bejn il-ko-inkwilini tal-blokka u mhux tal-parte ċivile. Qal ukoll li biex iwaħħal il-*units* tal-arja kundizzjonata, ma kellux għalxiex jinżel fil-bitħa tal-kwerelanta peress illi uża *scaffolding*. Hu ma riedx iwaħħal dawn l-utilitajiet fuq il-bejt għax kien konxju dwar permessi maħruġa sabiex jinbnew *penthouses* fuq il-kumpless in kwistjoni.

***Ikkunsidrat: -***

6. L-appellant jisħaq illi hu qatt ma setgħa jinstab ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* peress illi l-elementi rikjesti, partikolarment l-att li wieħed jispolja mit-tgawdija jew tal-pussess fil-konfront tal-kwerelanta ma rriżultax.

7. Ir-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqra kif ġej:

> Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'

8. Is-sors legali li fuqu dan ir-reat huwa msejjes huwa l-Artikolu 168 tal-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan l-Artikolu fil-fatt kien jippreskrivi r-reat bħala ***vie di fatto*** u jsegwi[1] :-

> Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

9. Huwa ċar li l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan ifisser li għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan ir-reat, din il-Qorti tista' tagħmel riferenza għal ġurisprudenza mhux biss Maltija iżda anke dik li tolqot dan l-

[1] Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : *De' reati contra l'amministr. pubblica*, Sezione III, *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'*.

artikolu fid-defunt Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet u Kodiċi esteri oħra li kienu konsoni ma' dan it-test tal-Liġi Borbonika.

10. Illi fil-kawża ***Il-Pulizija vs Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:-

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).

11. Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu **kemm** b'mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, **kif ukoll** interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa' tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi Penali tar-Renju tal-Italja (jew il-Kodiċi Sabaudo). Dan jirriżulta li seħħ minħabba li għalkemm f'dawn il-Liġijiet ma hemmx l-identiċita tal-lokuzzjoni tar-reat, baqgħet somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

12. It-test tal-Kodiċi Sabaudo relattiv għar-reat ta' ***ragion fattasi*** jaqra:-

> 286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l'altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito :

1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;

2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;

3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.

Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.

Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.

287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

13. Dan ir-reat isib postu taħt il-*Capo 3* li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-pubblika awtorita'. Il-Carrara jfisser dan ir-reat b'dan il-mod :

La ragion fattasi (1) e' il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazione speciali di altri diritti.[2]

14. Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat, li skont l-istess Carrara huma :

1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato

[2] ***Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale***, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.

braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave.*[3]

15.Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Sabaudo mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali *in primis* jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz tal-vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Sabaudo kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imħallef William Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et*** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża ***Il-Pulizija vs Anthony Zahra***, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi;

16.Għalkemm din l-esposizzjoni tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi tirrispekja dak mistqarr mill-Carrara fuq il-Kodiċi Penali Taljan kif muri aktar il-fuq, il-Qrati Maltin abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni

[3] Ibid. Paġna 487, paragrafu 2850.

t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq ir-reat ta' ragion fattasi li kien misjub taħt il-Kodiċi Borboniku. Il-Qrati Maltin komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi fil-każ speċifiċi għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi meqjus integrat.

17. B'hekk jirriżulta mill-ġurisprudenza li sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd - ikun xi jkun dak il-pussess – dment li jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew forma tiegħu. F'Malta, anke detenzjoni ta' dar fuq mera tolleranza minn konjuġi u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi, ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi u dan peress li kien hemm l-i*status quo* li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.[4]

18. Dan peress li s-suġġett attiv ġie li *si e' fatto arbitariamente ragione* u mhux sempliċiment *si e' fatto ragione da se'*. Skont il-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 *Mioli* ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jippunixxi *chi si fa ragione da se' ma chi*

[4] Ara ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas***, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li :

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

*si fa* **arbitrariamente** *ragione*[5] b'mod li jitturba l-*istatus quo* prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

19. Skont il-**Carmignani**, li jikkummenta fuq il-Liġi fit-Toskana qabel l-unifikazzjoni tal-Italja, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda jrid ikun hemm pussess "**attwali**" **u** li tkun l-azzjoni tat-terz li twassal **għat-turbattiva ta' dak l-*istatus quo***: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[6]

20. Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt. Skont l-**Arabia**,[7] l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.

---

[5] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lill-kerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha.

[6] Enfazi mizjuda – ***Elementi di Diritto Criminale***, Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

[7] ***I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie***, Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

21. L-Arabia kien qiegħed jikkonċentra fuq il-Liġi Borbonika tal-*vie di fatto* - identika għal dik Maltija *in materia* - u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' *ragion fattasi* fil-Kodiċi Sabaudo.

22. Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza fuq il-Kodiċi Penali Taljan, li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Il-kurrent tradizzjonali jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq il-vjolazzjoni tal-monopolju ġurisdizzjonali bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv billi dan, minflok ma jirrikorri obbligatorjament għall-ġurisdizzjoni tal-awtorita tal-Qrati, jaġixxi fattwalment minn jeddu biex jieħu dak id-dritt li jippretendi li għandu mingħajr ma jadixxi lill-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-*istatus quo* tal-pussess tad-drittijiet; l-istatus quo intiż bħala stat ta' fatt li in bażi tiegħu persuna ssib ruħha fil-possibilita' li teżerċita dritt fuq oġġett in kwantu tkun titolari ta' *apparentia iuris*. U fejn allura l-azzjoni turbattiva tas-suġġett attiv tiddisturba dan l-i*status quo* ta' pussess anke bażat fuq *apparentia iuris*.[8]

[8] Ara ***Codice Penale***, Tullio Padovani, Tomo I, IV Edizione, 2007, Giuffre Editore, paġna 2610 taħt il-vuċi "oggetto giuridico".

23. Inoltre, skont il-Carrara "*qui continuat non attentat*";[9] u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -

> L'atto esterno deve privare altro *contro sua voglia* di un *bene che gode*. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo *stato quo,* il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

24. Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -

> Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere <presteso> si ricava come gli elementi sopra indicati descrivano innanzitutto come presupposto del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.[10]

25. Anke taħt il-Kodiċi Borboniku kien importanti li tkun ravviżata din il-kontroversja jew kontenzjożita ta' drittijiet. Skont l-Arabia, din tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti :

> **Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata.** Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in

---

[9] Ara ***Programma***, Vol. 5, pagna 488.
[10] ***Codice Penale***, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi "soggetto attivo".

controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

26. Illi din il-ġurisprudenza hija riflessa fil-ġurisprudenza Maltija, li kif intwera tqis l-elementi tar-ragion fattasi bħala li huma s-segwenti:-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;
Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.[11]

27. B'hekk il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-propjeta ma jipprekludihiex milli tkun passibbli għar-reat ta' ragion fattasi fil-każijiet kongruwi. Ir-reat jista' jissusisti wkoll f'każ li l-persuna affetta mill-azzjoni tas-suġġett attiv setgħa kellha biss is-sempliċi pussess jew detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni jew saħansitra

[11] Ara ***Il-Pulizija vs. Anthony Zahra*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn ***Il-Pulizija vs. Mario Bezzina,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Michael Lungaro***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u ***Il-Pulizija vs Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

meta sempliċiment ikollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-propjeta' in kwistjoni u, minħabba l-azzjoni tas-suġġett attiv, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija tal-istess oġġett. Infatti fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas,***[12] il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

> L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminalili jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

28.Ukoll fl-appell ***Il-Pulizija vs. John Vassallo***[13], il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi:

> Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

29.Skond sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Dimech***[14] :

> id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.

---

[1212] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22 t'Ottubru 2001.

[13] Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22 ta' Marzu 1991.

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

*Ikkunsidrat : -*

30.Illi din il-Qorti kellha l-opportunita illi tapprezza d-deposizzjoni tax-xhieda tal-kwerelanta Maria Schembri li xehdet fit-tul quddiemha u li spjegat iċ-ċirkostanzi illi wasslu għall-kwerela tagħha. Meta Schembri ġiet mistoqsija in kontro-eżami dwar jekk ħassitha spoljata mill-azzjonijiet li għamel l-appellant u jekk dan kienx limitat biss għall-fatt illi invadielha l-propjeta' tagħha sabiex jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa, hi saħqet illi ma ħadet pjaċir la b'waħda u lanqas bl-oħra. Fir-rikors tal-appell l-appellant jallega li meta Schembri ġiet mistoqsija l-istess ħaġa meta xehdet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hi kienet wieġbet fin-negattiv. Madankollu quddiem din il-Qorti hi ma għamlitx l-istess. Din il-Qorti ser ikollha tistrieħ fuq il-verżjoni mogħtija minn Schembri quddiemha.

31. Mix-xiehda ta' Schembri joħroġ ċar li hija kienet tqis li l-bitħa u l-arja fuqha kienet tagħha. Din il-Qorti rat li fl-atti ma hemm ebda kopja t'atti pubbliċi li minnhom tista' tifhem sewwasew x'kienu l-jeddijiet rispettivi ta' Schembri u tal-appellant fir-rigward tal-bitħa u l-arja in kwistjoni. B'hekk din il-Qorti ma tistax tasal li tgħid x'jedd legali kellha Schembri fir-rigward tal-bitħa u l-arja sovrastanti. Biss mix-xiehda tagħha jirriżulta li hi biss għandha aċċess għal din il-bitħa u b'hekk hemm prova soddisfaċenti li hija kellha almenu d-detenzjoni tal-bitħa u xi jedd fl-arja tal-bitħa.

32. Mix-xiehda irriżulta li meta hi aċċediet għall-fond tagħha fl-indirizz u fid-data in kwisjtoni hi sabet żewġt irġiel, li rriżultaw li kienu mqabbdin mill-appellant, u li kienu fil-bitħa tagħha bit-tir illi jinstallaw il-*units* tal-arja kundizzjonata u l-ixkaffa għaċ-ċilindri tal-gass favur l-appellant mal-ħajt fil-bitħa u ċioe fl-arja tal-istess bitħa.

33. Minn dak li ddeponiet Schembri, hi ma ħadet xejn pjaċir kemm bil-fatt illi kien hemm dawn l-irġiel fil-bitħa "*tagħha*" kif ukoll minħabba l-installazzjoni li saret fl-arja "*tagħha*", fejn entrambe kienu saru mingħajr hi ma tat il-permess jew l-awtorizzazzjoni lill-appellant biex jinstalla dawk is-servizzi f'dak il-lok u minn dak il-lok.

34. Jirriżulta wkoll pruvat li hi qatt ma ġiet ikkonsultata f'dan is-sens. Dan isib ukoll konferma mid-dikjarazzjonijiet riportati fl-affidavit ta' WPS223 a fol 2 mnejn jirriżluta li l-appellant stess kien saħaq mal-Pulizija li lanqas biss kellu għalfejn jitlobha permess, konsiderando li l-bitħa in kwistjoni tappartjeni lil kulħadd. Biss f'dawn l-atti din il-Qorti għandha biss fatt inkontrastat li l-aċċess għal dik il-bitħa kien jinsab f'idejn Schembri.

35. Skond Schembri, parti mix-xogħolijiet imsemmija saru billi tniżżel sellum għal ġol-bitħa mit-tieqa tal-appartament tal-appellant u parti oħra ġiet installata bl-użu ta' *scaffolding*. Issa skond l-affidavit ta' WPS223 kif ukoll skond l-NPS, l-appellant informa lill-Pulizija illi hu kien xi xhur qabel tkellem ma Schembri sabiex jagħmel xogħol ta' ***plumbing*** mill-bitħa. Madankollu hu ma jindikax illi Schembri kienet tagħtu xi permess sabiex jaċċedi għall-fond tagħha.

Apparti minn hekk il-fatt ix-xogħolijiet lamentati f'dan il-każ kienu differenti minn xogħolijiet ta' *plumbing* imsemmija fl-affidavit.

36. Minn dan jirriżulta li l-appellant ma talab ebda permess, awtorizzazzjoni jew kunsens ta' Schembri biex jagħmel l-installazzjoni tal-*units* tal-arja kondizzjonata u taċ-ċilindri tal-gass fl-arja ta' din il-bitħa billi jinqeda mill-bitħa li kellha aċċess għaliha biss Schembri. F'każijiet bħal dawn, persuna ma tistax taqbad u tagħmel xogħolijiet, anke jekk fi ħwejjiha iżda b'aċċess minn proprjeta ta' persuna oħra mingħajr ma din il-persuna l-oħra tkun ġiet avżata minn qabel, mingħajr l-għoti tal-kunsens għall-aċċess għall-proprjeta ta' dik il-persuna li minnha jkun irid isir ix-xogħol jew mingħajr ma jkun ġie preċedentement ottjenut l-awtorizzazzjoni tal-awtorita Ġudizzjarja għal dak l-aċċess u dan sempliċiment għaliex min irid jagħmel ix-xogħol, konsapevoli tal-fatt li l-post li minnu jkun irid jaċċedi biex isir ix-xogħol ma jkunx tiegħu, jew almenu ma jkunx tiegħu biss, jaqbad u jaċċedi fil-post bla kliem u bla sliem u jagħmel ix-xogħol sempliċiment għaliex ikun jemmen li għandu dritt li jagħmel dan ix-xogħol minn dak il-post.

37. Dan jikkostitwixxi forma ta' turbament tal-istatus quo li l-awturi aktar il-fuq imsemmija jitkelmu dwaru. Ġie pruvat li Schembri kienet tgawdi xi forma ta' detenzjoni fuq il-bitħa u tgawdija tal-arja tagħha, liema spazju ġie invaż mill-appellant mingħajr preavviż, mingħajr kunsens ta' Schembri jew mingħajr awtorizzazjoni ġudizzjarja.

38. Bl-installazzjoni ta' dawn is-servizzi, mingħajr konsultazzjoni jew approvazzjoni ta' Schembri jew persuni oħra li setgħu kienu interessati, mill-bitħa detenuta minn Schembri, l-appellant wettaq att li allura impedixxa lil Schembri minn dritt li hija kellha, almenu l-*apparentia iuris* li tgawdi. F'każ bħal dan huwa leġittimu li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tqis li fin-nuqqas ta' għarfien tal-persuna interessata dwar dawn ix-xogħolijiet jew mnejn ikunu ser isiru dawn ix-xogħolijiet, ikun hemm preżunzjoni ta' dissens almenu impliċitu, għal dawn ix-xogħolijiet li jkunu sejrin jiġu eżegwiti minn fuq proprjeta li jkun jiddetjeni jew igawdi mingħajr l-għarfien tiegħu, aktar milli preżunzjoni a favur tal-istess xogħolijiet eżegwiti mingħajr l-għarfien tiegħu.. Fil-fatt meta Schembri saret taf b'dak li għamel l-appellant, hija pprotestat u kkwerelatu mill-ewwel; u mhux akkonsentiet għax-xogħol li għamel l-appellant, jew uriet xi indifferenza għal dak li l-appellant kien għamel. Xejn minn dan. Tant hu hekk li l-azzjoni tal-appellant spiċċat il-meritu ta' dan l-appell.

39. Dan juri għalhekk li l-mod kif mexa l-appellant kien sar bid-dissens, anke jekk biss impliċitu, ta' Schembri, tant li din aġixxiet ma' l-ewwel mument li hija kellha disponibbli għaliha. L-affidavit innifsu jindika li l-appellant kien qiegħed iħoss li kellu d-dritt li jaqbad u jinstalla dawn is-servizzi in kwantu fil-fehma tiegħu il-bitħa kienet *shaft* u dan kien ta' kulħadd u b'hekk emmen li l-anqas biss kellu għalfejn jistaqsi lil Schembri.

40. Iżda l-aġir preċedenti tal-appellant jikkontradixxi din il-posizzjoni li kien ħa fir-rigward tas-servizzi installati f'dan il-każ. Dan peress li qabel dan l-episodju jirriżulta li l-appellant kien irrikonoxxa li huwa ma setgħax u jaqbad jagħmel li jrid mil-bitħa u l-arja msemmija. Tant li fl-affidavit ta' WPS223 a fol 3 jirriżulta, li huwa ġie rapurtat li qal kliem fis-sens li ftit xhur qabel kien tkellem ma Schembri fejn *kien ftiehem maghha sabiex jaghmel xogholijiet ta' plumbing mix-shaft taghha.*

41. Dan il-kliem, għalkemm ma jistax jittieħed bħala prova tal-fatt fih innifsu, biss il-kliem mistqarra minnu juru għarfien li kien meħtieġ li tiġi mitkelma Schembri dwar dawk ix-xogħolijiet l-oħra f'dan ix-*shaft* in kwistjoni. Mill-provi ma jirriżultax jekk din it-talba tiegħu ġietx milqugħa minn Schembri u l-anqas jirriżulta jekk dawn ix-xogħolijiet l-oħra x'kienu u jekk sarux. Biss huwa fatt li kwantu għas-servizzi meritu ta' **<u>dan</u>** il-każ ebda tali talba ma saret.

42. Dan il-kliem juri rikonoxximent li l-appellant kien jaf li l-bitħa jew *shaft* u l-arja ta' ġo fiha, għal massimu ma kienetx tiegħu biss. Skont il-Carrara, l-att estern tal-appellant spjegat aktar il-fuq ippriva wkoll lil Schembri, anke jekk momentanjament, u mingħajr il-kunsens tagħha, minn *bene che gode* – il-bitħa u l-arja ta' fiha. Huwa ma talabhiex il-kunsens jew l-approvazzjoni tagħha biex jidħol fil-bitħa u jagħmel l-installazzjoni tas-servizzi de quo mill-bitħa u l-arja detenuti minnha għal fuq parti tal-arja tal-bitħa kontigwa għas-sular li fih hemm il-fond tiegħu. Bl-azzjoni tiegħu huwa kien ser ibiddel materjalment dan l-i*status quo*. Issa dak l-i*status quo* ma

setgħax, skont dak li jgħid il-Carrara jiġi mibdul għajr ħlief *per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita giudiciale*.

43. Huwa evidenti f'dan il-każ li l-appellant la rrikorra għall-kunsens ta' dawk kollha interessati u wisq anqas ma adixxa lill-Qorti kompetenti. U huwa preċiżament dan li l-liġi regolanti r-ragion fattasi trid tipproteġi – l-i*status quo* – irrispettivament jekk wieħed ikunx is-sid o meno tal-oġġett jew l-ambjent in kwistjoni. Hawnhekk il-Liġi mhix daqstant tittutela d-drittijiet ċivili ta' proprejta, pussess, detenzjoni eċċetra daqskemm li wieħed ma jaqbadx u jieħu b'idejh dritt li jippretendi li huwa għandu, meta jkun hemm jeddijiet ta' terzi persuni involuti flimkien ma jew konkorrenti ma dawk tiegħu.

44. Il-pretensjoni tiegħu li l-bitħa kienet tappartjeni lil kulħadd kienet ġiet kontestata immedjatament minn Schembri. Dan juri li f'moħħ din ix-xhud hemm kontroversja ċara fuq dan il-punt b'tali mod li kkwerelat lill-appellant bla dewmien. Juri wkoll illi huwa aġixxa bi dritt.

45. F'dan il-każ il-kwistjoni ċivili dwar jekk l-appellant kellux il-jedd ċivili li jwaħħal dawn is-servizzi fil-lok fejn fil-fatt spiċċa waħħalhom għad trid tiġi determinata mill-Qorti ċivili kompetenti. Biss mill-lat ta' liġi kriminali, huwa ma setgħax jaqbad u jaġixxi, bil-mod kif għamel, mingħajr ma jinkorri fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li r-reat ta' ragion fattasi huwa ntiż biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tiegħu għal kunsens meħtieġ jew dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejh.

Ġusta jew le l-pretensjoni tiegħu, is-suġġett attiv ma jistax minn rajh, bl-awtorita tiegħu innifsu, jieħu l-Liġi b'idejh u jeżerċita drittijiet li hu jippretendi li għandu fuq, jew minn, ħwejjeġ li ħaddieħor ikollu jedd fuqhom mingħajr il-kunsens ta' dak il-ħaddieħor jew tal-awtorita ġudizzjarja kompetenti.

46.Kwindi fil-fehma tal-Qorti, mill-kumpless tal-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

***Ikkunsidrat:-***

47.Illi l-appellant jinstab ukoll akkużat bir-reat kontravenzjonali ta' vjolazzjoni ta' propjeta' privata bi ksur tal-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali:

> bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi

48.L-appellant isostni li hu m'għandux jinstab ħati ta' dan ir-reat peress li (a) ma tressqitx il-prova li hu kien filfatt daħal fil-propjeta' tal-kwerelanta; semmai il-kwerelanta kienet rat persuni oħrajn fil-fond tagħha; u (b) il-bitħa in kwistjoni kienet tikkostitwixxi propjeta komuni bejn l-inkwilini tal-blokka u ma tappartjenix lill-kwerelanta.

49.Huwa minnu illi l-appellant ma kienitx il-persuna illi l-kwerelanta sabet fil-bitħa li għandha aċċess għaliha. Iżda ġie pruvat

soddisfaċentement illi l-persuni li Schembri sabet fil-bitħa tagħha kienu ingaġġati mill-appellant biex jagħmlu xogħolijiet t'installazzjoni a favur u benefiċċju tiegħu. Mix-xiehda tal-kwerelanta jirriżulta li l-appellant f'ebda mument ma ċaħad illi kien qabbad lil dawn il-ħaddiema hu stess sabiex jeżegwixxu dawn ix-xogħolijiet. Anzi mill-affidavit ta' WPS223 jirriżulta li huwa ġie rapurtat li qal li ma kellux għalfejn jitlobha l-permess sabiex isiru dawn ix-xogħolijiet.

50. In oltre Schembri xehdet li l-ħaddiema kienu niżlu b'sellum mill-propjeta' tal-appellant. Dan juri wkoll li r-responsabbilta' ta' dawn il-ħaddiema kienet fuq l-appellant li qabbadhom u li mill-fond tiegħu kienu niżlu għall-bitħa detenuta u l-arja goduta minnha. M'hemmx dubbju, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-appellant kien ben konsapevoli dwar ix-xogħolijiet li kienu qegħdin isiru u aktar importanti minn hekk, dwar kif u mnejn effettivament kienu qegħdin jiġu nstallati dawn l-utilitajiet. L-appellant kien obbligat illi jġib l-awtorizazzjoni preċedenti mill-kwerelanta sabiex dawn il-ħaddiema jinżlu fil-bitħa detenuta minnha u jaħdmu mill-arja tagħha. Kwindi jirriżulta soddisfaċentement illi dawn il-persuni, li mxew fuq l-istruzzjonijiet tal-appellant, ma kellhom l-ebda dritt ikunu fil-propjeta' tal-kwerelanta.

51. Kif ġie deċiż fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Emanuel Vella,*** deċiża nhar is-6 ta' Jannar 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali :

> Il-hsara kontemplata fl-Artikolu 340(d) tavvera ruhha kull darba li, bil-vjolazzjoni tal-prorpjeta` li tkun saret, is-sid jew id- detentur ta' dik il-proprjeta` jkun sofra xi pregudizzju anke jekk mhux kwantifikabbli fi flus

jew li ma jkunx jikkonsisti fi hsara materjali. In fatti f'dan is-sens hija aktar korretta l- espessjoni wzata fit-test Ingliz tad-disposizzjoni in dizamina – "...to the prejudice of the owner or holder thereof...". Hekk, per ezempju, gie ritenut li anke s- semplici skomodu li wiehed irid joqghod inehhi karta mwahhla fuq il-windscreen ta' vettura qabel ma jkun jista' jibda jsuqha jammonta ghall-hsara ravvizata fl-Artikolu 340(d) (Il-Pulizija v. Gianni Nicola Cassar, Qorti Kriminali, 1/3/1958 – f'dan il-kaz il-vjolazzjoni kontra l- proprjeta` kienet tikkonsisti fis-semplici manumissjoni tal- vettura biex titwahhal il-karta). Hekk ukoll fil-kaz Il-Pulizija v. Philip Agius (Qorti Kriminali, 25/1/1958) gie ritenut li l- hsara in kwistjoni tista' tikkonsisti semplicement filli xi hadd jezercita dritt fuq bicca art b'menomazzjoni tad-drittijiet tas-sid jew tad-detentur ta' dik l-art. Gie ritenut ukoll li meta bejn il-gabillotti jkun hemm arrangamenti dwar, fost affarijiet ohra, moghdijiet, l-invazjoni tar-raba' tammonta ghal hsara fis-sens ta' l-imsemmija disposizzjoni u dan peress li tali invazjoni tiddisturba l-imsemmija arrangamenti li jirregolaw id-drittijiet ta' l-istess gabillotti inter se (Il-Pulizija v. Anthony Gauci et, Qorti Krminali, 19/4/1958). Huwa veru li fil-kaz de quo, u skond id-deposizzjoni ta' l-istess appellant, fil-25 ta' Frar tas-sena l-ohra kienet l-ewwel darba li huwa kien dahal minn fuq il-passagg imsemmi bil-vettura fix-xitwa; pero` huwa veru wkoll li f'cirkostanzi simili Vincent Buhagiar ghamel sew li rreagixxa tempestivament bi kwerela u dana minhabba l-biza li, kif jinghad, "jitrabba l-gust". Ghalhekk ma hix korretta t-tezi ta' l-appellant li l-hsara trid tkun "materjali" u "effettiva" (kif jidher li gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Lulju, 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Grazio Mifsud) jekk b'dawn iz-zewg kelmiet wiehed jeskludi l-prejudizzju b'mod generali kif aktar 'l fuq imfisser. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tara li s- sentenza ta' l-ewwel qorti ghandha tigi konfermata.

52. Minbarra din, fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Kisinchand Mohnani***, deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima, ġie mistqarr *obiter* is-segwenti : -

Meta mistoqsi fix-xiehda tieghu jekk huwa dehrlux allura li ghandu xi dritt li jokkupa dan l-ispazju, huwa jichad anzi l-parti leza stess ighidu fix-xiehda taghhom li meta kellmu lill-appellant u tallbuh inehhi din il-merkanzija mill-partijiet komuni huwa ma qalilhomx li ghandu dritt jaghmel dan izda semplicement illi dan kien xoghol l-impjegati tieghu li sar ad insaputa tieghu. Ma hemmx l-icken prova in atti allura illi l-appellant kellu l-kredenza li qed jagïxxi bi dritt meta dawn l-affarijiet tħallew barra fil-passagg. Li hu qed jikser l-obbligi kuntrattwali tiegħu huwa evidenti, kif inhu evidenti ukoll illi bit-tqeghid tal-merkanzija fil-proprjeta ta' haddiehor huwa hati tar-reat kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 340(d)

> tal-Kodici Kriminali, b'liema reat, madanakollu l-appellant ma giex mixli. L-artikolu 340(d) fil-fatt johloq ir-reat kontravvenzjonali f'kull minn "bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi." ..... Illi huwa dak li fil-fatt sehh fil-kaz odjern bl-invazjoni tal-proprjeta tal-kwerelanti mill-appellant b'dan illi tali invazjoni qed tohloq pregudizzju u hsara lid-drittijiet taghhom bhala sidien ta' dan il-fond.

53. Minn dan jirriżulta li dik il-Qorti kienet lesta tikkonsidra dan ir-reat kontravvenzjonali integrat fejn min ikun qiegħed jagħmel l-att materjali jkun terza persuna li tkun qegħda taġixxi f'isem u għan-nom tal-appellant. F'dak il-kuntest partikolari l-azzjoni invażiva għalkemm fiżikament tkun qegħda tiġi kommessa minn impjegati jew ħaddiema tiegħu l-arteficì tagħha jkun min ikun il-mandant jew kummissjonant ta' dak l-att.

***Ikkunsidrat :-***

54. Illi jifdal biss l-aħħar aggravju mressaq għal dak li jirrigwarda l-piena mposta, senjatament dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe meta l-Qorti ordnat illi l-appellant biex ineħħi l-*units* tal-arja kundizzjonata kif ukoll l-ixkafef taċ-ċilindri tal-gass, kif ukoll illi jimla' t-toqob kollha magħmula ġol-ħajt tal-bitħa tal-kwerelanta skond kif titlob is-sengħa.

55. Issa l-kwerelanta tikkonċedi illi l-*units* tal-arja kundizzjonata jinstabu mal-ħajt tal-appellant; iżda ċ-ċilindri tal-gass iqarrbu konsiderevolment mal-bozza tal-bitħa tagħha. Din il-kwistjoni mhix daqshekk ċerta u sempliċi. Dak li hu ċar hu li hemm bżonn

t'aċċertament aktar approfondit dwar jekk l-appellant għandux dritt li jkollu s-servizzi installati fil-post fejn qegħdin imwaħlin. Din il-Qorti, fl-isfond tal-provi li nġiebu f'dan il-każ ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li tiddetermina hi l-vertenza ċivili evidenti f'dan il-każ u tordna hi li jinqalgħu is-servizzi imsemmija aktar il-fuq. Fin-nuqqas t'evidenza li għandha quddiemha din il-Qorti tqis li tali miżura ma tkunx proporzjonata.

## *Deċide*

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' Franco Zammit, in parte u dan billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll tal-multa ta' mitt Euro (€100) fil-konfront tiegħu, tħassar is-sentenza appellata fil-bqija tagħha.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***